# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Deċiżjoni Numru 2615

Każ numru 3482/JHP

Fil-kwistjoni tax-xogħol
bejn
Plamenov Angelov
ID 27246A
u
Joseph Borg ID No(724262M) u Sandra Borg ID No (73166M), li jiggestixxu n-negozju 'Gym Stars' u b'digriet tat-12 ta' Dicembru, 2016, giet kjamata in kawza HF Investments Ltd (C 17186)

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ingusta.*

**Chairman: Is-sur James Henry Pearsall**

**Illum : 30 ta' Settembru, 2019**

1. **Ir-referenza tal-każ:**

Dan il-każ ġie riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' rikors ppreżentat fil-Qrati tal-Gustizzja u mibghut lit-Tribunal Industrijali fit-23 ta' Awwissu 2016, li fih gie spjegat li wara li Plamen Angelov, kien ilu impjegat ghal dawn l-ahhar tlettax-il sena, ma' Joseph Borg u Sandra Borg li kienu jiggestixxu in-negozju Gym Stars, hu gie itterminat mill-impjieg tieghu mill-llum ghal ghada.

Fir-risposta taghhom Joseph Borg u Sandra Borg jissottomettu li primarjament huma ma humiex il-legittimi kontraditturi fil-kawza peress li ir-rikorrent kien impjegat ma' H.F. Investments u ghaldaqstant huma ghandhom jigu illiberati mill-kaz.

Wara qbil bejn il-partijiet, u wara li gie ipprezentat rikors b'urgenza mir-rikorrent fil-Qrati tal- Gustizzja fit-2 ta' Dicembru 2016, gie mitlub sabiex is-socjeta' H.F.Investments Ltd (C 17186) tigi kjamata in kawza.

It-Tribunali Industrijali ta  digriet fit-12 ta' Dicembru, 2016,  fejn giet milqugha it-talba sabiex is-socjeta'  H.F. Investments tigi kjamata in kawza, kif ukoll issir korrezzjoni fl-okkju li issa gie jaqra kif jidher hawn fuq,.

L-H.F. Investments Ltd fir-risposta taghha tad-9 ta' Frar 2017 issostni li it-tkeccija ta' Plamen Angelov kienet gusta u skond il-Ligi.

It-Tribunal ħa konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-każ kif ppreżentati miż-żewġ partijiet, żamm tmintax (18)-il seduta, sema' x-xhieda mressqa miż-żewġ naħat, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ħa inkonsiderazzjoni l-argumenti kif ippreżentati fit-trattazzjoni finali.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeċiedi dan il-każ fiż-żmien kif stabbilit mil-Liġi minħabba numru ta' differimenti mitluba mill-partijiet,  kif ukoll ċirkostanzi amministrattivi li l-istess Tribunal m'għandux kontroll fuqhom.

2. **Ir-rappreżentanza:**

   Plamen Angelov li minn issa 'il quddiem ser jissejjah ir-rikorrent hu mghejjun mill-Avv. Chris Cilia u mill-Avv Timothy Bartolo.

   Joseph u Sandra Borg / l-H&F Investments li minn issa ser tissejjah is-socjeta' intimata  mghejjuna mill-Avv. Chris Frendo u mill-Avv. Martha Mifsud.

3. **Il-fatti tal-każ fil-qosor:**

   Ir-rikorrent kien ilu impjegat mas-socjeta' intimata mill-1 ta' April, 2004 bhala Head coach/ gymnastics instructor sat-30 ta' Awwissu, 2016, madwar tnax il-sena.  Gara li f'mument li is-socjeta' intimata riedet tibdel il-kundizzjonijiet tax xoghol li kellu ir-rikorrent,  u li dan huwa ma accettax, gie immedjatament itterminat mill-impjieg.

   Is-socjeta' intimata kjamata in kawza,  fir-risposta taghha qalet li wara diversi  incidenti li huma riferuti fil-mori ta' dan il-process, ir-rikorrent gie terminat wara li gie mghoti diversi opportunitajiet sabiex jirranga is-sitwazzjoni u wara li dan ma sehhx gie itterminat mill-impjieg u li is-socjeta' intimata ma ghandha debitu ta' xejn lejn ir-rikorrent.

4. **Il-lista ta' xhieda:**

Xhieda imressqa ser ikunu skond kif elenkati fil-listi annessa
Tar-rikorrent datata 28-03-2017 kif ukoll tas-socjeta' intimata datata 09-02-2017.

5. **Il-lista ta' dokumenti:**

Dokumenti ipprezentati mir-rikorrent affidavit datat 26/03/2018 u employment history Jobs Plus.

Dokumenti ipprezentati mis-socjeta' intimata immarkati bhala Dok.B sa Dok.J.u CI 1.

6. **Gabra fil-qosor tax-xhieda:**

Minn xhieda mghotija minn naha tas-socjeta' intimata (Joseph; Sandra u Francesca Borg), flimkien ma' numru ta' affidavits sottomessi minn genituri li kellhom l-uliedhom jattendu ghat-tahrig taht it-treggija tar-rikorrent, gie ikkonfermat li minn kien responsabbli mill-komportament tar-rikorrent, matul it-tahrig qatt ma giet migbuda l-attenzjoni tieghu b'xi forma ta' twissijiet assertivi kontra l-imgieba u aktar minn hekk, qatt ma kien hemm xi tentattiv sabiex jigi ta' l-anqas sospiz, matul is-snin ta' l-impjieg tieghu. (Sed 14/06/2019 F.Borg).
Fix-xhieda taghhom l-intimati ripetutament inghad li filwaqt li kienu jaghtu hajr lir-rikorrent ghax xoghol siewi tieghu, izda, kienu ukoll jiehdu pacenzja bih ghal xi nuqqasijiet li kien jaghmel u li taghhhom ma kienux jittiehdu passi jew jinghata xi twissija bil-miktub..

Minn xhieda diretta ta genituri ohra li uliedhom ukoll kienu jigu imharrga mir-rikorrent, kien jikontradixxi ix-xhieda mghotija qabel, izda kien hemm riferenzi pozittivi rigward ir-rikorrent ghall-effett pozittiv li kien halla fuq il-karriera ta' wliedhom.

**7 Is-sinteżi tat-trattazzjoni tal-każ:**

**L-Avv. Timothy Bartolo** ghar-rikorrent irrefera ghall-karriera ta' impjieg ta' kwazi tlettax-il sena, fejn ir-rikorrent kellu biss *record* ta' imgieba tajba mal-istudenti kollha, inkluz mat-tifla ta' min immexxi il-gym, propjeta' tas-socjeta' intimata. Mhux hekk biss, izda il-kisbiet li saru mill-istess studenti kienu dovuti bil-kapacitajiet imhaddma mir-rikorrent.
**L-Avv.Timothy Bartolo** irrefera ghar-rapport sottomess bhala wahda mir-ragunijiet tat-terminazzjoni, u spjega li mix-xhieda mghotija mis-socjeta' intimata, l-istess socjeta' kienet ixxokkjata b'dan ir-rapport, peress li huma qatt ma kienu raw xejn li setgha jiggustifika dan ir-rapport, li anke l-istess socjeta' kienet iddefendiet lill-istess rikorrent u ma kienu ittiehdu l-ebda passi kontra tieghu.

**L-Avv.Timothy Bartolo** ghamel diversi riferenzi ghall xhieda mghotija minn numru ta' genituri/studenti dwar ix-xhieda pozittiva fir-rigward tar-relazzjoni taghhom mar-rikorrent.

**L-Avv. Martha Mifsud** ghas-socjeta' intimata irribatiet l-argumenti tar-rikorrent billi ghamlet enfasi fuq ir-rapport riferut, u li kien sar lill-entita Appogg u li meta is-socjeta' intimata giet rinfaccjata b'dawn is-sitwazzjonijiet ma kellhiex triq ohra hlief li tittermina l-impjieg tar-rikorrent.
**L-Avv. Martha Mifsud** tenniet li ghalkemm ma ittiehdu l-ebda passi wara li kien sar ir-rapport, espremiet li, kieku gara xi haga, is-socjeta' intimata kIenet tbati il-konsegwenzi minhabba haddiehor.
**L-Avv. Martha Mifsud** ghamlet riferenza ghal diversi affidavits ipprezentanti minn numru ta' genituri li kellhom lil-uliedhom jattendu ghat-tahrig mar-rikorrent, dawn kellhom xejra negattiva tas-sitwazzjoni li kellu ir-rikorrent.

Nota sottomessa mis-socjeta' intimata tirreferi illi ir-rikorrent ma tkecciex qabel, sforz ir-rispett li kellha is-socjeta' intimata lejn ir-rikorrent u bhala turija ta' rikonoxximent, peress li kien ilu numru ta' snin impjegat maghha.
Intqal ripetutament li is-socjeta' intimata kienet ilha tara nuqqasijiet ta' attitudni mir-rikorrent, pero' qatt ma riedet teskala u tiehu passi.

**7.1 Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal:**

It-Tribunal Industrijali fil-kunsiderazzjonijiet tieghu f'dan il-kaz hares lejn dawn l-aspetti :

X'kien l-anandament tar-relazzjoni lavorattiva bejn is-socjeta' intimata u ir-rikorrent f'tul ta' zmien sosstanzjalment twil?
X'kienu ir-ragunijiet li wasslu ghat-terminazzjoni mill-impjieg tar-rikorrent?
X'kienu il-proceduri li intuzaw mis-socjeta' intimata, sabiex waslet ghat-terminazzjoni mill-impjieg tar-rikorrent.?

It-Tribunal, mix-xhieda mghotija, ikkonferma li ir-relazzjoni ta' l-impjieg bejn ir-rikorrent u is-socjeta' intimata kienet wahda eccellenti mill-bidu taghha. Dan johrog mix-xhieda fejn ir-rikorrent kien mhux talli gie migjub f'Malta fuq talba ta' l-istess socjeta', izda gie mghoti kuntratt ta' xoghol li kien inkluz fih residenza fejn jista jghix, kif ukoll li ir-relazzjoni zviluppat f'dik ta' wahda fuq livell personali accettabbli miz-zewg partijiet. Matul is-snin ta' l-impjieg tar-rikorrent il-hajr u tifhir ghal kontribut siewi fid-doveri tieghu ma kien jonqos qatt.
It-Tribunal, b'riferenza ghar-rapport li kien sar indirettament lil-Appogg, ma sabx provi b'sahhithom li setghu jissostanzjaw l-incidenzi li sehhew ma' xi ex studenta li kienet tattendi ghat-tahrig mas-socjeta' intimata, u li allegatamant gew attribwiti lejn ir-rikorrent, dawn mhux talli ma gewx ippruvati, izda l-istess rapport gie maghluq u ma ittiehdu l-ebda passi mill-awtoritajiet koncernati.

Fid-dawl tal-fatt kif grat it-terminazzjoni mill-impjieg tar-rikorrent, it-Tribunal bilfors ried ihares lejn xi proceduri li-ttiehdu sabiex is-socjeta' waslet ghad-decizjoni hekk iebsa. It-Tribunal ma sab l-ebda provi tangibbli li setghu jippruvaw li ir-relazzjoni tant tajba li kellhu ir-rikorrent bdiet tixxellef jew titkisser u li ghal dan, is-socjeta' intimata l-anqas biss kienet qieghda tigbed l-attenzjoni, jew aktar minn dan, twissi serjament li dak li kien qieghed isehh hazin min naha tar-rikorrent kien ser iwassal ghat-terminazzjoni mill-impjieg tieghu. Il-fatt li saru allegazzjonijiet izda li ma jigux segwiti b'xi forma ta' penali (twisssja; sospensjoni; qtugh mis-salarju, etc), izda li f'temp qasir hafna tittiehdet decizjoni li s-socjeta' intimata tittermina l-impjieg tar-rikorrent u li dan jipprova jigi iggustifikat b'allegati nuqqasijiet li qatt ma ittiehdu passi dwarhom u aktar u aktar li tinghata impressjoni negattiva ghall-integrita tar-rikorrent, dan ma jaghmilx gieh lill-istess socjeta' intimata.

It-Tribunal Industrijali filwaqt li jifhem li f'cirkostanzi ta' dixxiplina li jsiru f'termini ta' proceduri bazici fejn ir-rikorrent jinghata ic-cans ta' smiegh xieraq, is-socjeta' tista' ghar-ragunijiet validi tittermina impjieg, izda meta ma tinstabx konsistenza bejn l-eventwalitajiet kollha li jkunu sehhew mad-decizjoni ta' terminazzjoni, it-Tribunal mhux ser jaccetta xi tip ta' kamuffa sabiex tintuza bhal skuza sabiex ir-rikorrent jigi itterminat.

Ghal dawn il-fatti it-Tribunal Industrijali gie f'dubbji serji fil-validita' tar-ragunijiet migjuba mis-socjeta' intimata li wasslet sabiex tippenallizza lir-rikorrent, b'dik li fil-kamp tax-xoghol iqis bhala il-piena kapitali, jigifieri terminazzjoni mill-impjieg.

**8 Id-deċiżjoni:**

It-Tribunal Industrijali wara li sema' x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet, evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha, kif ukoll ħa inkunsiderazzjoni tat-trattazzjoni tal-partijiet wasal ghad-decizjoni li it-terminazzjoni mill-impjieg tar-rikorrent ma kienetx ghall raguni serja u skond il-Ligi . Ghaldqastant it-Tribunal jordna li is-socjeta' thallas kumpens ta' hames t'elef euro (€5,000) fi zmien erba' gimghat minn din id-decizzjoni.

Għall-finijiet ta'Avviż Legali 48 tal 1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' tlieta u disghin euro u zbataxi-il ċenteżmu (€93.17).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

Iffirmat : James Pearsall

Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea

A/Segretarja